

# Ġorġ Grognet de Vassè: B'lenti fuq il-familja Grognet u Marchese

*Dr. Keith CILIA DEBONO D.B.A.(Maastricht), M.Phil (Maastricht), M.B.A(Henley), B.Sc. (Maths & Computing)*

## Ġorġ Grognet de Vassè

Ġorġ Grognet de Vasse (1774-1862) - l-arkitett tal-Knisja maestuża tagħna l-Mostin - kulħadd ta' lanqas sema' bih. Huwa kien bniedem għaref u inġenjuż, kważi xi ftit eċċentriku wkoll. Mill-banda l-oħra jingħad biss li kien kapaċi jaħseb fil-bogħod. Biss, biss, E.B. Vella, fil-ktieb tiegħu *L-istorja tal-Mosta bil-Knisja tagħha* isemmi illi Grognet kien *'jitkellem mill-kanal li kien jista' jsir fis-Suez biex jgħaqqad il-Mediterran mal-Baħar l-Aħmar, u dan kien qalu xi erbgħin sena qabel ma sar ix-xogħol tiegħu. Nafu wkoll illi dik l-istess ħabta kien jgħid illi l-Ingilterra tista' tingħaqad mal-kontinent b'mina li tista' tinqata' taħt l-għonq tal-baħar bejnha u Franza'* – ħaġa li għalkemm sa żmien E.B. Vella kienet għadha tissemma' bħala proġett iżda li fi żminijietna saret tassew realtà!



*Ġorg Grognet de Vassè (1774-1862)*

Għalkemm Ġorġ Grognet twieled minn familja sinjura, huwa tista' tgħid miet kważi fil-faqar. Il-ħidma mingħajr ħlas li għamel għal kważi tletin sena sabiex inbniet ir-Rotunda hija waħda mir-raġunijiet li wasslet għal dan. Almenu, Ġorġ Grognet kellu x-xorti ftit qabel ma miet illi jingħata pensjoni ta' mitt sterlina fis-sena, mill-Gvern Ingliż, anke, kif itenni E.B. Vella, bħala turija mill-Gvern illi '*Grognet kien bniedem Nazzjonali u li x-xogħlijiet tiegħu kienu jagħmlu unur lill-gżira tagħna kollha – li huwa l-isbaħ ċertifikat għar-Rotunda tal-Mosta*'.

Ġorġ kien iben Gio Batta Grognet de Vassè u Maria Amalia Marchese, li żżewġu fit-28 t'April 1771. Gio Batta u Amalia kellhom ħafna tfal, il-biċċa l-kbira bniet u li ġew imgħammdin f' San Duminku l-Belt Valletta. Ġorġ Grognet twieled fid-19 ta' Frar 1774 u ġie mgħammed fil-Knisja ta' San Pawl, il-Belt. Dan l-artiklu jagħti ftit ħjiel fuq il-familjari ta' Ġorġ Grognet, b'mod speċjali minn dik tan-naħa t'ommu li ħallew isem b'mod partikulari fl-arti u l-kultura f'Malta.

## Gio Batta Grognet

Gio Batta Grognet de Vassè hu iben Giorgio (li probabbilment għalih kien imsemmi neputih, l-arkitet tar-Rotunda tal-Mosta) u Rosalea Rosso. Il-familja ta' Gio Batta kienu ta' nisel nobbli Franċiż li kellha tħalli Franza wara li r-Re Lwiġi XIV fl-1685 neħħa għal kollox l-Editt ta' Nantes. Uħud mill-familja Grognet kienu jservu fl-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Fosthom hemm Renè Grognet de Vassè li kien Gran Prijur tal-Lingwa ta' Franza u Fra Angelo Grognet li kien qassis konventwali.

**Gio Batta Grognet de Vassè**

Pittura ta' missier Ġorġ Grognet, xogħol il-pittur Franċiż Antoine Favray, tinstab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, il-Belt Valletta u tagħti indikazzjoni tal-professjoni, intellett u l-ħajja aristokratika tiegħu. Gio Batta xtaq li ibnu, Ġorġ, jieħu l-Ordni Sagri. Infatti ittra li ġġib id-data tat-18 ta' Ottubru 1810 indirizzata lill-Professur tal-Filosofija, Signor Marco Mastrofini, minn Ġorġ Grognet, turi l-ħbiberija li dan tal-aħħar kellu ma' Marco li miegħu qasam il-lok fejn kien jgħix waqt li kien is-Seminarju ta' Frascati. Ġorġ, kontra r-rieda ta' missieru, ma kompliex l-istudji tiegħu għas-saċerdozju, iżda minflok daħal fl-armata ta' Napuljun Bonaparti fl-Italja u saħansitra kien imlaħħaq bħala 'Ajutante del Genio Imperiale ed Architetto' tal-Gvern Imperjali Franċiż ta' Ruma. Kien għalhekk li Ġorġ twarrab minn familtu, inkluż mill-familja minn naħa t'ommu.



*Gio Batta Grognet de Vassè*

**Maria Amalia Grognet**

Omm Ġorġ, Maria Amalia, twieldet il-Belt Valletta fil-25 ta' Ottubru 1747, minn familja aristokratika, intellettwali u li tifhem fl-arti. Hija bint il-Kavallier Giuseppe Isodoro Marchese minn Ruma (1702-1791) li żżewweġ lil Serafina Marmieri fis-sena 1746 f'Ruma. Maria Amalia kienet il-kbira minn erba' aħwa oħra li kienu Ferdinanda Marcella (1753) li iżżewġet lil Dr Gioacchino Bencini fl-1708, Pietro Paolo, li miet ta' ftit xhur fl-1756, Vincenzo Maria (1763) li żżewweġ lil Elena Ellul Preziosi fl-1816 u l-Konti Saverio (1757) li ser nitkellmu aktar dwaru.

Fl-1744, il-missier, Giuseppe, waqt li kien qed jistudja l-letteratura f'Ruma, kien għamel ħbieb mal-pittur Antoine Favray. Huwa wkoll ħajru jiġi Malta. Malta kienet dak iż-żmien taħt il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, fattur ieħor li ġennen lil Favray jiġi f'dawn il-gżejjer. Għal bidu, Favray għex mal-familja Marchese iżda aktar 'l quddiem, kera mezzanin fil-Belt Valletta fejn mar jgħix għal rasu. Fost ix-xogħlijiet li kien ikkummissjonat jagħmel għall-familja Marchese, kien hemm pittura ta' Maria Amalia, liema pittura llum tinstab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti.

Maria Amalia mietet fl-4 ta' Novembru 1830, kwa`i tliet snin qabel ma nbeda x-xogħol fuq ir-Rotunda tal-Mosta, frott il-ħsieb inġenjuż ta' binha Ġorġ, u tliet snin qabel il-mewt ta' ħuha, il-Konti Saverio Marchese.



*Maria Amalia Grognet neè Marchese (1747-1833)*

## Saverio Marchese

Saverio Marchese jibqa' magħruf bħala espert f'numru ta' oqsma fosthom il-proża, l-istorja, l-arkeoloġija, il-lingwa Maltija u b'mod partikolari fl-arti, speċjalment dik lokali. Huwa kellu għadd ta' xogħlijiet ta' tpinġija, pittura u disinji, bosta minnhom li hu ħalla lill-Mużew tal-Kattidral tal-Imdina. Huwa kien wiret diversi xogħlijiet tal-arti fosthom dawk ta' Antoine Favray, Giuseppe d'Arena, Francesco Zahra u ta' Stefano Erardi – il-pittur li tagħha huwa attribwit it-Titular tal-Assunta tar-Rotunda tal-Mosta. Ta' min jgħid illi l-familja Marchese kellha kuntatti stabbiliti sew ma' diversi artisti, akkademiċi u kollezzjonisti ta' xogħlijiet artistiċi kemm f'Malta kif ukoll lil hinn minn xtutna.

Hu twielded il-Belt Valletta fit-12 ta' Settembru 1757 u ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Collegio Novo ta' Ruma. Iżżewweġ lil Anna Maria Camilleri Bianchi mill-Isla, fit-12 ta' Jannar 1784, żwieġ li minnu ma kellux tfal.

Saverio kien rispettat ferm mill-Ordni u mill-Knisja, kif ukol mill-inkwiżizzjoni. Infatti l-quddiesa taż-żwieġ tiegħu kienet iċċelebrata mill-Inkwisitur



*Il-Konti Saverio Marchese*
*(pittura xogħol ta' Antoine Favray)*

innifsu fil-Kappella tal-Uffiċċju tiegħu. Apparti minn hekk, fit-8 ta' Marzu 1793, il-Gran Mastru De Rohan onorah bit-titlu ta' Konti ta' Meimun. Taħt l-Ordni, huwa ngħata diversi karigi soċjali għoljin u sikwit kien ikun mistieden għal okkażjonijiet fil-Palazz.

Madanakollu, il-Konti Saverio ma tantx kien iniżżel lill-Gvern Franċiż, għalkemm kien wieħed mill-Maltin li fl-10 ta' Ġunju 1798 iffirma petizzjoni lill-Ordni sabiex iċedu lit-truppi Franċiżi u li sussegwentement il-Kummissjoni Franċiża ħatritu bħala Amministratur tal-Ospizju tal-Furjana. Fis-sentejn tal-ħakma Franċiża huwa żamm profil baxx u ftit li xejn għamel xirjiet ta' xogħlijiet. Qatta' ħafna minn ħinu fil-Belt Valletta, fejn beda jikteb forma ta' dizzjunarju tal-Malti, intenzjonat bħala suppliment għal dak li ħareġ Mikiel Anton Vassalli fl-1796. In-nuqqas ta' simpatija li kellu l-Konti lejn Napuljun jintwera f'sunett li hu kiteb sabiex jikkommemora l-ħelsien tal-Papa u l-waqgħa ta' Napuljun u fi tpinġija ffirmata minnu u li ġġib id-data ta' 1825, li turi lil Napuljun fuq is-sodda tal-mewt. Setgħet ukoll kienet għal din ir-raġuni li l-Konti Francesco ħalla barra mill-wirt lil neputih Ġorġ, li kif nafu kien midħla sew tal-Gvern Franċiż.

Mill-banda l-oħra, il-Konti addatta ruħu sew u kien rispettat ukoll mill-ħakkiema Ingliżi. Fl-1823 ġie mogħti l-kariga ta' membru ta' kumitat sabiex tinvestiga s-sistema edukattiva fl-Università u fit-13 ta' Settembru 1824 laħaq membru tal-Kunsill Ġenerali tal-Università li kien għadu kemm twaqqaf taħt it-tmexxija ta' John Hookham Frere. Fl-istess Università kien hemm bħala Professur tad-Disinn, Giorgio Pullicino (1779-1851), li kien tefa' d-disinn għall-knisja tal-Mosta u li kien ħabib sew tal-Konti. Ta' min jgħid ukoll illi jidher li l-Konti Saverio kien jieħu interess ukoll fl-arkittettura. Difatti nsibu dokumentat in–nuqqas ta' qbil tiegħu mad-disinn ta' Antonio Cachia għall-knisja l-ġdida ta' San Duminku tal-Belt Valletta.

Fil-każ tal-knisja tal-Mosta, mhijiex eskluża l-possibbilità illi l-Konti kien iktar favur dik ta' Pullicino. Apparti li kien jafu l-Università, il-Konti Saverio, ġieli xtara xi pitturi permezz ta' Pullicino. Apparti minn hekk, il-Konti kien ukoll ħabib sew

tal-Isqof Francesco Saverio Caruana, li kien Rettur tal-Università u li kellu preferenza qawwija għad-diżinn ta' Pullicino fuq dik ta' Grognet. Tant hu hekk illi l-Isqof ma attendiex għat-tqegħid tal-ewwel ġebla tar-Rotunda tal-Mosta. Terġa wkoll, Ġorġ Grognet, kif intqal qabel, kien kisirha ma' missieru minħabba li ma qabadx it-triq mixtieqha minnu għal ħajtu, apparti li kien favur Napuljun.

Il-Konti Saverio Marchese miet f'Novembru 1833, jiġifieri ftit xhur biss wara li beda l-bini tar-Rotunda tal-Mosta. Apparti minn hekk huwa żgur ukoll illi l-Konti Saverio żamm fil-pussess tiegħu żewġ 'disinji astronomiċi' ta' neputih Ġorġ Grognet.

**Konklużjoni**

Huwa forsi veru illi Ġorġ Grognet ma tantx kellu l-aħjar relazzjoni mal-familja tiegħu, b'tali mod illi żijuh – il-Konti – minn neputijiet kollha, lanqas biss isemmieh fit-testment. Però mill-banda l-oħra, meta wieħed iħares b'mod speċjali lejn il-ħajja tal-familja Marchese, u speċjalment dak l-iktar magħruf – il-Konti Saverio – malajr wieħed jista' jintebaħ bl-għerf u bl-imħabba lejn l-arti u l-arkitettura, fatturi li wirithom sew Ġorġ u li ħallew wirt permezz tal-knisja Rotunda tal-Mosta. L-għeruq Franċiżi minn naħa ta' missieru spikkaw ukoll, kif naraw fil-ħajja żagħżugħa tiegħu.

Hawnhekk ġieli nistaqsi jekk apparti l-Pantheon ta' Ruma, Ġorġ Grognet de Vassè setax ukoll kellu influwenza minn La Madaleine ta' Pariġi. Dan il-bini – intenzjonat bħala knisja ddedikata lil Santa Marija Madalena – oriġinarjament ukoll kien iddisinjat fuq l-istil tal-Panteon minn Guillaume-Martin Couture fl-1777. Taqlib li ġabet magħha r-Rivoluzzjoni Franċiża u bosta żviluppi oħra bidlu d-diżinn fi żmien Napuljun fl-1808, għal dak ta' Pierre-Alexandre Vignon (1765-1828) fl-1808, f'tempju neoklassiku (ispirat minn Maison Carree f'Nimes) b'navi bi tliet koppletti minn ġewwa li tlesta fl-1831, ftit żmien biss qabel ma Ġorġ Grognet issottometta l-pjanta tiegħu tar-Rotunda lill-Kappillan Dun Feliċ Calleja. Minkejja t-tibdil, jekk wieħed jagħti titwila f' La Madaleine – illum knisja Kattolika – ma jistax ma' jinnotax xebh mar-Rotunda tal-Mosta l-iktar fuq ġewwa. Tgħid Grognet ukoll kellu xi ideat minn La Madaleine ta' Pariġi?



*La Madaleine ta' Pariġi (minn ġewwa)*

Din hija biss ipoteżi. Li naf żgur hu li l-Mosta għandha x-xorti li jkollha tempju li jaqdi lill-poplu t'Alla fil-ħtiġijiet spiritwali tiegħu kif ukoll li huwa meravilja ta' xogħol u ħsieb ta' bniedem struwit u magħruf kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna.

**Riferenzi u Noti**

Azzopardi J. (1982), 'Count Saverio Marchese (1757-1833): His picture gallery and his bequest to the Cathedral Museum', *Proceedings of History Week 1982*, Malta.

Farrugia K. (2009), 'Count Saverio Marchese A Consocente with Special References to his commentary on Uomini Illustri di Malta', *Proceedings of History Week 2009* (37-46), Malta.

Galea J. (1978), 'Antoine Favray', *Heritage*, I (11):p.205-211, Malta.

Giornale Enciclopedico Di Firenze (1810), *Tomo Secondo*, Firenze.

Vella, E. B. u oħrajn (1972), *Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha*, Empire Press .